# Il-fratellanzi tal-Madonna taċ-Ċintura



**Joseph C Camilleri**
*BA, DEAM, M.Ed (Pl & Mgt)*



Fil-knejjes parrokkjali f'Malta u Għawdex, insibu diversi fratellanzi mwaqqfa. Kull parroċċa qadima għandha l-fratellanza tas-Santissimu Sagrament. Ħafna minn dawn il-knejjes għandhom wkoll il-fratellanza tal-Madonna tar-Ružarju. Fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl ir-Rabat insibu sitt fratellanzi – tas-Sagrament (1575), tal-Kunċizzjoni (1731), San Pawl (1767), tal-Qalb ta' Ġesù (1773), tad-Duluri u ta' San Mikiel. F'din il-parroċċa hemm wkoll arċikonfratellanza ta' San Ġużeppi. L-Oratorju ta' din l-arċikonfratellanza tinfed mal-knisja tal-patrijiet ta' Ġiežu. Min-naħa l-oħra, fil-Katidral tal-Assunta, Għawdex insibu tliet fratellanzi – tas-Sagrament (1575), tal-Madonna tar-Ružarju u tal-Assunta.

Fl-aħħar nett fil-knisja parrokkjali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ insibu erba' fratellanzi. Dawn huma l-fratellanzi tas-Sagrement, il-Madonna tar-Ružarju, il-Madonna tad-Duluri u San Ġużepp. Fost dawn il-fratellanzi nsibu dawk iddedikati lill-Madonna taċ-Ċintura. Dawn il-fratellanzi twaqqfu permezz tal-ħidma pastorali ta' patrijiet Agostinjani.

L-ewwel referenzi għad-devozzjoni tal-Madonna ta' Konsolazzjoni jew taċ-Ċintura jġib id-data tal-1594. Fil-knisja ta' San Nikola, li kienet viċin il-Mina tal-Griegi fl-Imdna, kien hemm pittura tal-Madonna tal-Konsolazzjoni. Fuq naħa waħda hemm ix-xbieha ta' Sant'Ambroġġ u n-naħa l-oħra x-xbieha ta' San Nikola. Profs. Borg hu tal-opinjoni li dan l-opra artistika ma kienx turi l-Madonna tal-Konsolazzjoni iżda lill-Madonna tal-Pietà.

## Il-firxa tal-fratellanzi

Għall-ewwel, sal-aħħar tas-seklu sbatax, il-fratellanzi tal-Madonna taċ-Ċintura kienu marbutin mal-knejjes konventwali tal-patrijiet Agostinjani – fir-Rabat (Malta), fil-Belt Valletta u fir-Rabat (Għawdex). Dawn il-fratellanzi kienu ddedikati lil Santa Monica.

Kienet il-parroċċa ta' Ħal Luqa li bdiet l-iżvilupp tal-fratellanzi tal-Madonna taċ-Ċintura madwar Malta. Il-fergħa nisa tat-terzjarji tal-Ordni Agostinjan li kienu mmexxija minn qassis dijoċesan, waqfu kwatru tal-Madonna taċ-Ċintura fuq l-artal tal-ġenb iddedikat lil San Mikiel. Ġie nibdet devozzjoni fost il-luqin u fl-1719 twaqqfet l-ewwel fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura barra knisja konventwali tal-Agostinjani. Dan kien l-ewwel pass u fuq il-passi li ħadu l-luqin bdew jinfirxu l-fratellanzi. Sena wara ġew imwaqqfa żewġ fratellanzi, l-ewwel waħda f'Ħ'Attard u fl-istess sena Ħaż-Żebbuġ. Sena wara, jiġifieri 1721 twaqqfet fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Mosta. Ħames snin wara kienet Ħal Lija, il-ġara tal-Mosta li waqfet fratellanza ddedikata lill-Madonna taċ-Ċintura. Fl-1727 daħlet fix-xena l-Gudja billi waqqfet fratellanza tagħha ddedikata lil din id-devozzjoni marjana. Fl-1737 żewġ lokalitajiet waqfu fratellanzi tal-Madonna taċ-Ċintura. Dawn kienu Ħaż-Żabbar u l-Qrendi. Għaxar snin wara, jiġifieri fl-1747, ġew imwaqqfa l-fratellanzi taċ-Ċintura f'Għargħur u fiż-Żejtun. F'Ħal Qormi kwatru tal-Madonna taċ-Ċintura tpoġġa fil-knisja parrokkjali ta' Sn Ġorġ Matri u wara twaqqfet fratellanza. Għalhekk il-fratellanza twaqqfet bejn is-snin 1736 u 1747. Ħal Tarxien kellu l-fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura fl-1770. Mela wieħed jista' jikkonkludi lli f'qasir żmien ta' 30 sena, ġew imwaqqfa 11-il fratellanza. Dan kien pass kbir fejn tidħol devozzjoni marjana.

## Il-kult jiżdied

Qabel ma bdew jinxterdu l-fratellanzi kien hemm xi artali ddedikati lill-Madonna taċ-Ċintura iżda għal xi raġuni fil-knisja fejn kienu, ma ġietx imwaqqfa fratellanza. Hekk ġara fil-knisja ta' Santa Liena f'Birkirkara. L-istess ħaġa wkoll fl-Oratorju ta' San Filep fil-Birgu. F'żewġ knejjes parrokkjali daħlu d-devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura minkejja ma kinux waqfu l-ebda fratellanza ddedikata lil din id-devozzjoni marjana.

Dawn il-knejjes lanqas kellhom xi artal iddedika lil din it-tip ta' devozzjoni marjana. Hekk ġara f'Bormla u f'Ħal Għaxaq. Fil-knisja parrokkjali Bormliża ġiet mogħtija għotja tas-somma

flus biex tibda ssir il-festa ad unur il-Madonna taċ-Ċintura. L-isqof Pellerano aċċetta din l-għotja u l-festa bdiet issir f'din il-knisja parrokkjali. F'Ħal Għaxaq, sas-sena 1781, il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura bdiet issir ful l-artal tal-Madonna tar-Rużarju.

**Il-problemi tal-artali**

Meta twaqqfu dawn il-fratellanzi, l-artali tal-ġnub kienu diġà ddedikati lil xi qaddies. Għalhekk meta twaqqfu dawn il-fratellanzi l-prokuraturi tal-knejjes kellhom jiddedikaw artal lill-Madonna taċ-Ċintura. Ħadna drabi meta ordnaw kwadru ġdid daħlu fl-inkwatru xi qaddisin li qabel kellhom id-dedika tal-artal. Għalhekk naraw fl-inkwatru qaddisin li ma għandhomx x'jaqsmu mad-devozzjoni tal-Madonna taċ-Ċintura. Hekk naraw fil-pittura tal-Madonna taċ-Ċintura li jinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Filip f'Ħaż-Żebbuġ, disa' qaddisin barra xena tal-kampanja fejn żewġ anġli qed jaħdmu l-art. L-istess ħaġa naraw fil-kwatru tal-Madonna taċ-Ċintura ta' Ħal Luqa. Hawn naraw żewġ qaddisin marbutin mad-devozzjoni tal-Madonna taċ-Ċintura – lil Santu Wistin u Santa Monika, kif ukoll żewġ qaddisin li ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' din id-devozzjoni – Santu Rokku u San Franġisk de Paule. Ma' dawn il-qaddisin hemm ukoll fuq nett il-figuri tas-Santissima Trinità.

Fl-aħħar nett insibu kwadru ieħor tal-Madonna taċ-Ċintura li fih qaddisin li ma għandhomx x'jaqsmu ma' din id-devozzjoni marjana. Hawn naraw lil Sant'Agata u lil Santa Katarina ta' Lixandra.

**F'Ħal Tarxien**

F'Ħal Tarxien kienet issir il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura. Fil-korsija kienet tinħareġ il-vara tal-Madonna tar-Rużarju. Minflok iż-żewġ kuruni tar-rużarju kienu jpoġġu żewġ ċinturi, waħda għall-figura tal-Madonna u l-oħra għall-Bambin. Il-vara kienet titpoġġa fil-bidu tal-kappella tal-Madonna tad-Duluri, biex tiġi sewwasew quddiem il-kappella tal-Madonna taċ-Ċintura. L-artal tal-Madonna taċ-Ċintura kien jiġi armat b'sett gandlieri u xi vażetti bil-fjuri tal-ganutell.

Il-fratelli kellhom il-muzzetta tal-lewn iswed. Kienet issir quddiesa kantata u filgħaxija kienet toħroġ il-purċissjoni bil-vara. Il-mixja tal-purċissjoni kienet dik li kienu jieħdu l-purċissjonijiet sekondarji tal-parroċċa Tarxiniża. Il-purċissjoni kienet toħroġ minn knisja parrokkjali ta' Marija Annunzjata u jdur mal-knisja biex taqbad Triq Paola. Minn nofs din it-triq kienet tidħol fil-Vjal Simmons u meta tasal quddiem il-kappella ta' Santa Marija kienet tidħol fi Triq Santa Marija u tidħol fid-distrett ta' Wara l-Bjut. Minn hemm kienet tidħol f'Strada Rjali (illum Triq il-Kbira) għall-knisja parrokkjali.

TAL-BASLI PET SHOP
VJAL IT-TORRI, GUDJA
**Mob: 7970 2412**

*Issibu dak kollu għall-pets tiegħek*
*Sustanzi u bexx għall-biedja, għasafar*
*u siġar tal-frott eċċ.*

Prezzijiet moderati
Nifthu kuljum mit-8.00am sa 12.00pm
u mill-4.00pm sas-7.30pm